**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 30 ta' Ottubru, 2019**

Numru 2

**Appell Nru. 26/2019**

**Frank Calleja**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Frank Calleja tad-19 ta' Gunju 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Mejju 2019 wara li t-Tribunal cahad l-applikazzjoni PA 2063/15 'renewal to PA 840/09 - to construct reservoir' fl-Imgarr, Malta;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Dan l-appell jirrigwarda talba ghal renova ta' permess PA840/09, li kien jikkoncerna l-bini ta' gibjun fuq sit li jinsab f'zona maghrufa bhala it-Tafal, fil-limiti tal-Imgarr.

L-izvilupp propost gie rifjutat minn l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-bazi li gew identifikati illegalitajiet fuq is-sit, u b'hekk skont Regolament 14 tal-Avviz Legali 514 tal-2010 ma jistax jigi kunsidrat zvilupp fuq is-sit jekk l-illegalita' ma titnehiex jew tigi sanzjonata.

It-Tribunal jinnota li m'hemmx oggezzjoni ghall-principju li l-permess precedenti PA840/09 jigi renovat skont il-provedimenti ta' Artikolu 72(4) tal-Kap. 552, izda rizulta waqt il-process tal-applikazzjoni li l-gibjun approvat ma kienx qieghed jinbena skont ilpermess b'diversi varjazzjonijiet. Dan kien gie konfermat minn l-Enforcement Officer, kif fis-segwenti:

"Following a report that works on site were not following the approved plans, a site inspection was carried out and it resulted that approved reservoir was divided in two levels, with various internal walls, containing various doors and windows, built on both levels. Works were stopped, and an enforcement notice, ECF164/15, has been issued. In the circumstances, the submitted plans do not reflect what is actually on site" [Skont minuta 30 fl-inkartament tal-PA2063/15].

L-Enforcement Officer ukoll provda ritratti sabiex jikkonferma dawn l-irregularitajiet mill-permess precedenti PA840/99.

Fir-rigward tal-illegalitajiet fuq is-sit, gie sottomess applikazzjoni f'PA5668/17 fejn qieghed jintalab korrezzjoni tas-site plan. Din l-applikazzjoni ukoll hija suggett ghal-appell 30/18, fejn iz-zewg appelli nstemghu kontestwalment flimkien minhabba li dak rikjest f'applikazzjoni wahda ghandha implikazzjonijiet fuq l-applikazzjoni l-ohra.

Fir-rigward tal-appell 30/18, l-appellant jikkontendi li l-intenzzjoni tal-applikazzjoni hija sabiex tigi rizolta l-kwistjoni pendenti firrigward tal-illegalitajiet suggett ghall-enforcement notice ECF164/15 li jikkoncernaw il-bini tal-gibjun, u dan minhabba li lapplikazzjoni hija intiza sabiex jigi sanzjonat il-bini tal-gibjun f'parti ohra gewwa l-konfini tal-istess sit.
Izda fil-kaz ta' PA5668/17, l-Enforcement Officer indika li:
"….a site inspection was carried out, and photos of the current situation are being attached as requested. Please note that site is subject to ECF164/15, and that apart from the reservoir being sited on a different part of site, is also larger than that approved in PA840/09."

Fuq il-bazi ta' dan, l-Awtorita' tal-Ippjanar irrifjuta l-applikazzjoni PA5668/17, minhabba li ma kienx qieghed jigi sanzjonat ittkabbir fil-footprint tal-gibjun li huwa suggett ghall-konsiderazzjoni taz-zewg applikazzjonijiet.

It-Tribunal innota li minn l-evidenza prezentata minn l-Enforcement Officer fuq iz-zewg applikazzjonijiet, dak rikjest flapplikazzjoni PA5668/17 mhuwiex sejjer jindirizza l-kwistjonijiet kollha suggett ghall-Avviz sabiex Tieqaf u tat-Twettieq f'ECF164/15. It-Tribunal innota ukoll li l-appellant naqas milli jindirizza dawn il-kwstjonijiet u jistrieh

biss fuq il-prezunzjoni li lapplikazzjoni tal-ahhar sejra tissanzjona l-illegalitajiet li jikkoncernaw is-sit de quo.
F'decizjoni separata, it-Tribunal qieghed jichad l-appell fir-rigward tal-applikazzjoni PA5668/17, u dan minhabba li hija l-fehma tat-Tribunal li din l-applikazzjoni tal-ahhar ma tindirizzax ix-xoghol illegali kollu li huwa prezenti fuq is-sit. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li japplika dak li jipprovdi Regolament 14 tal-Avviz Legali 514/10, fejn huwa stipulat li zvilupp gdid fuq sit ma jistax jigi kunsidrat galadarba hemm il-prezenza ta' illegalitajiet ohra fuq l-istess sit.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkustanzai, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma r-rifjut kif mahrug ghall-applikazzjoni PA2063/15.

**Ikkunsidrat**

L-agravvju tal-appellant hu fis-sens illi din l-applikazzjoni hi konnessa ma' applikazzjoni PA 5668/17 fejn qed jintalab korrezzjoni fis-sens ta' tibdil fil-pozizzjoni tal-istess reservoir minn dak akkordat fil-permess 840/09. L-applikazzjoni PA 5668/17 giet michuda u hi soggetta ghal appell quddiem din il-Qorti. Jekk jintlaqa' l-appell u jigi akkordat il-permess ic-cahda tal-applikazzjoni 2063/15 tkun skorretta ghax ma jkunx hemm raguni ghac-cahda tar-renova.

Il-Qorti taqbel mal-appellant illi t-talba ghar-renova skont PA 2063/15 tiddependi mill-ezitu tal-appell dwar l-applikazzjoni PA 5668/17 ghal korrezzjoni tal-pozizzjoni tar-reservoir permess bil-PA 840/09. Il-Qorti qed taghti s-sentenza fuq PA 5668/17 kontestwalment ma' din is-sentenza fejn il-Qorti qed tichad l-applikazzjoni billi ma irrizultax dak mitlub li jigi sanzjonat huma fil-fatt l-illegalitajiet kollha fuq is-sit u l-Qorti tirreferi ghal konsiderazzjonijiet li ghamlet f'dik is-sentenza li japplikaw ghal dan l-appell safejn qed jigi mitlub li ma hemmx raguni valida kontra r-renova. Effettivament il-Qorti sabet li hemm ragunijiet validi fil-ligi ghaliex it-talba f'PA 5668/17 ma setghetx tigi milqugha u cahdet it-talba. Kwindi l-effett tal-avviz ta' enforzar ECF 164/15 kien u baqa' ostakolu ghal renova ta' zvilupp li kif inhu hu wiehed illegali ghax ma jirrispekkjax il-permess 840/09.
Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Frank Calleja u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Mejju 2019.

Spejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur